# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011    Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : **www.mgarr.gov.mt***


## Seduta numru 1. Illum l-Erbgha, 1 ta' Lulju 2009

### MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 6 ta' Gunju 2009, ltaqghu fl-Ufficcju Amministrattiv fis-7.00p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

*Hatra ta' Sindku*
*Hatra ta' Vici Sindku*

### PREZENTI

Il-Kunsillier Paul Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Eman Vella, il-Kunsillier Maria Said

### ASSENTI

Il-Kunsillier Giovanni Gatt

Mill-Pubbliku : Rapprezentanti ta' l-ghaqdiet lokali

Il-Laqgha giet immexxija mill-Kunsillier Maria Said.

### MINUTI

**<u>1.0 Hatra ta' Sindku</u>**

1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li permezz ta' l-Att Nru 1 ta' l-2005, giet stabbilita l-Procedura ta' kif jigu eletti s-Sindku u l-Vici Sindku. Permezz ta' din l-emenda dawn iz-zewg karigi jimtlew b'mod dirett mill-eletturi.

1.2 Is-Segretarju Ezekuttiv stiednet lill-Kunsillier Maria Said biex tippresjedi l-laqgha peress li hija l-akbar Kunsillier fl-eta.

1.3 Il-Kunsillier Maria Said staqsiet lill-Kunsillier Paul Vella jekk jaccettax il-kariga ta' Sindku peress li huwa l-Kunsillier li gab il-maggoranza tal-voti, fl-akbar grupp rapprezentattiv.

1.4 Il-Kunsillier Paul Vella accetta l-Kariga u ffirma l-accettazzjoni.

1.5 Is-Sindku Paul Vella mexxa l-laqgha.

**<u>2.0 Hatra ta' Vici Sindku</u>**

2.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Eman Vella jaccettax il-kariga ta' Vici Sindku.

2.2 Il-Kunsillier Eman Vella accetta l-kariga ta' Vici Sindku u ffirma l-accettazzjoni.

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

2.3 Is-Sindku Paul Vella u l-Vici Sindku Eman Vella hadu l-gurament ta' din il-hatra quddiem l-Avv. Ian Micallef.

2.4 Is-Sindku ghamel diskors ta' l-okkazjoni fejn rringrazzja lir-rapprezentanti ta' l-ghaqdiet prezenti li attendew ghal din l-ewwel laqgha. Huwa rringrazzja lill-Kunsillieri kollha li kkontestaw ghall-elezzjonijiet lokali tas-6 ta' Gunju. Huwa qal li kien fatt posittiv li kemm waqt l-elezzjoni, kif ukoll qabel kien hemm spirtu posittiv bejn il-Kunsillieri. Huwa rringrazzja wkoll il-Kunsillieri li ma gewx eletti fl-ahhar elezzjoni lokali, dawk li taw hidma waqt il-Legislatura ta' qabel, filwaqt li awgura l-hidma t-tajba lill-Kunsillieri li gew eletti ghall-ewwel darba f'din l-elezzjoni lokali. Huwa kompla li l-Kunsill ghandu quddiemu sfidi godda u responsabilitajiet godda, izda se jahdem biex ir-rahal ta' l-Imgarr jaghti kwalita ahjar lir-residenti.

2.5 Is-Sindku ghalaq il-laqgha fis-7.20 p.m.

2.6 Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 6 ta' Lulju 2009, fis-6.00p.m.

Christine Lewis
Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku